

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Frar 2015 – Boehringer Ingelheim International vs UASI –  
Lehning entreprise (ANGIPAX)**

(Kawża T-368/13) <sup>(1)</sup>

[“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali ANGIPAX — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti ANTISTAX — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”]

(2015/C 096/19)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Boehringer Ingelheim International GmbH (Ingelheim am Rhein, il-Ġermanja) (rappreżentanti: inizjalment V. von Bomhard u D. Slopek, avukati, sussegwentement V. von Bomhard)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: S. Pétrequin u J. Crespo Carrillo, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Lehning entreprise SARL (Sainte-Barbe, Franza) (rappreżentanti: P. Demoly, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI, tad-29 ta' April 2013 (Każ R 571/2012-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Boehringer Ingelheim International GmbH u Lehning entreprise SARL.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Boehringer Ingelheim International GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti minn Lehning entreprise SARL għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).

<sup>(1)</sup> ĠU C 260, 07.09.2013.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Frar 2015 – Innovation First vs UASI (NANO)**

(Kawża T-379/13) <sup>(1)</sup>

[“*Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali NANO — Dritt għal smiġh — Obbligu ta’ motivazzjoni — Eżami ex officio tal-fatti — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”]

(2015/C 096/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Innovation First, Inc. (Greenville, South Carolina, l-Istati Uniti) (rappreżentant: J. Zecher, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Poch, aġent)